MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2014

Citazzjoni Numru. 29/2014

**L-Avukat Dottor Marsette Xerri għan-nom u in rappreżentanza ta' Sumaya Gharep magħrufa aħjar bħala Sumea Belhag Ahmed Abdalhade Gharep, kif debitament awtorizzata in forza ta' prokura**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi nomine wara li bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi l-attriċi Sumaya Belhadg Ahmed Abdalhade Gharep twieldet fis-sitta ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (06.07.1979), liema twelid huwa reġistrat fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Victoria, Għawdex, dwar Atti tat-twelid u r-Reġistru ta' Persuni Addottati, bin-numru mija u tmienja u erbgħin tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (148/1979); (ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'MX 2');

2. Illi l-att tat-twelid relattiv għat-twelid ta' l-attriċi huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonni intestate 'Ismijiet mogħtijin' u dik intestata 'isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', kif ukoll fil-kolonna intestat "Isem il-Wild", (fl-estratt) l-isem huwa indikat bħala "Sumaya", meta fl-att dan għandu jkun indikat bħala "Sumea";

3. Illi l-attriċi trid ilil isimha jiġi kkoreġut b'tali mod ilil kull fejn jinkorri l-isem "Sumaya", dan għandu jiġi sostiwit bl-isem "Sumea";

4. Illi in oltre l-kunjom tal-missier huwa wkoll skorrett billi dan fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom' relattiva għal vers intestat 'Missier it-tarbija' kif ukoll fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom u post tat-twelid' tal-missier il-kunjom jidher 'Gharep' meta dan effettivament huwa 'Ahmed Adalhade Gharep';

5. Illi l-attriċi nomine trid illi ssir d-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha nomine, b'mod illi ċ-ċertifikat tagħha jiġi jaqbel mar-rejalta u mal-verita', u dan stante illi hija qed ikollha diversi problemi kull meta tiġi biex tipprovdi ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha;

6. Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-attriċi (ID 338807(T)) li għanda konoxxenza vera u proprja tal-fatti fuq esposti.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru mija u tmienja u erbgħin tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (148/1979) relattiv għat-twelid ta' Sumea Belhag Ahmed Abdalhade Gharep huwa skorrett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentament tordna l-korrezjonijiet tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "Sumaya" jiġi kkoreġut bl-isem "Sumea"; kif ukoll illi kull fejn kunjom misierha jidher bħala Gharep dan jiġi sostitwit bil-kumjom 'Ahmed Abdalhade Gharep'.

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat ċioe' Dokument 'MX 1' kopja tal-prokura rilaxxata a favur tal-attriċi nomine, u bħala Dokument 'MX 2' kopja awtentikata taċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imsemmija Sumea Ahmed Abdalhade Gharep.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern li saret fil-ħamsa ta' Novembru elfejn u erbatax (05.11.2014).

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi eċċepixxa:

1. Illi in linea preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. Illi in vena prliminari, għall-finijiet ta' kjarezza u kompletezza tal-ġudizzju, ġie indikat fl-okkju illi l-attriċi għandha isem ta' Sumaya Gharep waqt li fl-ewwel premessa qed jingħad li isimha huwa ta' Sumaya Belhaq. Mill-Atti tar-Reġistru Pubbliku annessi ma' l-istess rikors jirriżulta li l-isem proprju ta' l-attriċi huwa dak ta' Sumaya Gharep. In oltre fl-okkju tar-rikors wieħed mill-ismijiet tal-attriċi hu mniżżel Belhag waqt li fl-ewwel premessa qiegħed imniżżel bħala Belhadg. In vista' ta' dan, għandhom isiru l-korrezzjonijiet debiti kif elenkati hawn fuq fl-atti tar-rikors odjern;

3. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u mill-att ta’ twelid li jġib in-numru ta’ reġistrazzjoni 148/79 kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni;

4. Illi għaldaqstant id-dikjarazzjoni mill-Qorti msemmija fit-talba tar-rikors ġuramentat għandha, diversament minn dik indikat mill-attriċi, tkun fis-sens li l-attriċi kienet konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem Sumea Belhag Ahmed Abdalhade Gharep u mhux Sumaya Gharep u dan abbażi ta’ l-**Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;**

5. Illi madankollu f’dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esebiti mill-attriċi flimkien mar-rikors ġuramentat, waħdihom, m’humiex biżżejjed biex jippruvaw li l-attriċi hija magħrufa bħala Sumea Belhag Ahmed Abdalhade Gharep kif hekk jeżiġ l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 ta’ Liġijiet ta’ Malta.** Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokument r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta’ familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħh ossia li tul ħajtha (sic) hija kienet konsistentement msejjħa bħala Sumea Belhag Ahmed Abdalhade Gharep u mhux Sumaya Gharep;

6. Illi l-esponent umilment jirrileva wkoll li ebda dokument ma ġie anness mar-rikors li juri illi missier l-attriċi jġorr il-kunjom ta’ Ahmed Abdalhade Gharep, għaldaqstant għandhom jinġibu provi dokumentari, kif ukoll tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta’ familjari li juri li missierha huwa konsistentement magħruf bil-kunjom Ahmed Abdalhade Gharep u mhux Gharep biss;

7. Illi għandha ssir talba wkoll fis-sens illi jekk tintlaqgħa t-talba għal bdil fil-kunjom tal-missier, għandha ssir id-debita annotazzjoni wkoll taħt l-annotati tal-omm u ċioe’ wara l-kliem ‘wife of the said’;

8. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m’hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kważa istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrent stess, Belhaq Gharep, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Il-Qorti,

Billi t-talbiet attriċi jirriżultaw ġustifikati, tilqa' l-istess talbiet u

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru mija u tmienja u erbgħin tas-sena elf disa' mija u disgħa u sebgħin (148/1979) relattiv għat-twelid ta' Sumea Belhag Ahmed Abdalhade Gharep huwa skorrett fis-sens kif spjegat fl-istess rikors ġuramentat;

2. Konsegwentament tordna l-korrezjonijiet tal-att fuq imsemmi billi kull fejn jinkorri l-isem "Sumaya" dan għandu jiġi kkoreġut bl-isem "Sumea"; kif ukoll illi kull fejn kunjom misierha jidher bħala Gharep dan għandu jiġi sostitwit bil-kumjom 'Ahmed Abdalhade Gharep'.

Minħabba n-natura tal-kawża m'għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------